# IT-TIELET SEZZJONI —

# APPELLI INFERJURI

6 ta' Frar, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Margaret Camilleri *versus* Publio Stellini ne.

**Appell — Kontumaċja — Kapitolu — Subizzjoni.**

*Il-fatt li l-konvenut ma kienx avżat jew informat bid-data tad-differiment tal-kawża, u li għalhekk ma deherx meta ġiet imsejħa l-kawża, huwa żball vinċibili, u ma jiġġustifikax il-kontumaċja. In-nuqqas ta' dehra tal-konvenut quddiem il-Qorti meta ġie lilu deferit il-kapitolu ma kienx dovut għal impediment leġittimu, imma jammonta għal kontumaċja kolpuża.*

*Għalkemm il-kapitolu ma jinħadx fih li hu għas-subizzjoni "tal-konvenut", però, jekk il-konvenut huwa wieħed, ma tiġix affettata l-validità tal-kapitolu, għalkemm dan seta' jiġi redatt aħjar.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut nomine għall-ħlas ta' dik is-somma, fil-kompetenza tal-Qorti, li tiġi fissata, bħala spejjeż minnu kaġunati fil-kapott (coat) ta' l-attriċi; bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra interpellatorja, u bis-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 1953, li biha ddeċiediet billi laqgħet it-talba ta' l-attriċi, u kkundannat lill-konvenut iħallas is-somma ta' £10, bl-ispejjeż, billi kkunsidrat illi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk in-nota tal-mistoqsijiet għandha titqies bħala mistqarra;

Rat fil-fol. 4 in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u fil-fol. 5 iċ-ċitazzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza ta' l-ewwel istanza hi bażata fuq il-konfessjo-

ni preżunta tal-materja kapitolata. Għalhekk, biex il-konvenut jiġi restitwit "in integrum", jeħtieġ li hu jipprova ġusta kawża għan-nuqqas ta' komparizzjoni fl-ewwel istanza fis-seduta meta ġie preżentat il-kapitolu fol. 2. Ġie biss pruvat li l-konvenut ma kienx avżat jew informat bid-data tad-differiment, u għalhekk ma deherx. Dan hu żball vinċibili, u għalhekk kien hemm, mhux impediment leġittimu, iżda kontumaċja kolpuża (ara każ analogu deċiż minn din il-Qorti, "Farrugia ne. vs. Grech ne.", 28 ta' Jannar 1926);

Id-difensur tal-konvenut issottometta li l-kapitolu ma kienx validu, għaliex ma jingħadx fih li l-kapitolu kien għassubizzjoni "tal-konvenut". Peress, però, li kien hemm konvenut wieħed, il-kapitolu, għad li seta' jkun vergat aħjar, kien jiftiehem biżżejjed biex ma tkunx affettata l-validità tiegħu;

Għalhekk il-kontumaċja ma ġietx ġustifikata, u kwindi tibqa' sseħħ kontra l-appellant il-konfessjoni preżunta tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.